**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru : 319/2022 JPG**

**Kawza Numru : 11**

**AB**

**Vs**

**JB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AB data 8 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Nghid illi fl-4 t'Awissu 1992 izzewwigt lil JB u minn dan iz-zwieg kellna tlett itfal, AN nee B li twieldet f'X, CB li twieldet f'Y u FB li twieldet f'Z u ghalhekk huma maggorenni;*

2. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto mill-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014);*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati permezz ta' kuntratt in atti Dr Patricia Vella Haber datat hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn tmien (8) snin, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet u lanqas versu l-ulied;*

6. *Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-4 t'Awwissu tas-sena 1992 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*
2. *Tordna li d-d-igriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u*
3. *Taghti kull provvediemnt ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi nhar l-1 ta' Frar 2023, l-intimata dehret mhux assistita u l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha izda hi rrispondiet li ma tehtiegx ghajnuna legali u li mhux qed toggezzjona ghad-divorzju. Di piu' l-intimata talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'G'. (Vide fol 21);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 10) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-4 ta' Awwissu 1992, u li minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, illum maggiorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat 15 ta' Frar 2018 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber izda kienu ilhom separati de facto sa mill-10 ta' Jannar 2014. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' kkonferma illi ma hemm ebda obbligu ta'

manteniment bejn il-partijiet.

**L-intimata xehedet** (vide xhieda fol 23 et seqq.) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta'Awwissu 1992, liema zwieg jgib certifikat numru 1348/1992 (Vide fol 8 certifikat taz-zwieg). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, ilkoll maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber nhar il-15 ta' Frar 2018 (vide fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Inoltre', il-Qorti rat it-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'G'.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1348/1992 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tilqa' t-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'G' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**